**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SBATAX 21 ta' OTTUBRU, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Vici Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri is-Sinjura Marisa Dámato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **17.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 17.1.1 | | Is-Sur Kenneth Farrugia informa li ma jistax jattendi għas-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. L-apoloġija ġiet milqugħa. |
| | | |
| **17.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 17.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li mhux sew li l-Kunsill jagħmel kaxxi sofor għal persuni li jkunu ma jifilħux jew li ġew minn xi operazzjoni, mingħajr ma jkun jaf għal kemm hemm bżonn tali kaxxa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fiż-Żurrieq hawn iżjed kaxxi li l-Kunsill preċedenti qabel fuqhom u li ma kienx hemm żmien stipulat kemm ta' kemm ser idumu. Kien hemm qbil li tali parkeġġ jibqa kif inhu, sakemm ikun hemm il-bżonn. |
| | | |
| 17.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-sittax - il seduta |
| | | |
| ***17.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 17.3.1 | | Is-Sindku ressqet mozzjoni. Il-Kunsill irid jitlob devoluzzjoni ta'Gnien il-Gibjun kollu u fih ikun inkluż ukoll l-art li fuqu ġej l-grawnd tal-football. Dan il-grawnd ser ikun iffinanzjat kollu minn Sports Malta u l-Kunsill iħallas biss il-manutenzjoni tiegħu, bi spiża ta' bejn wieħed u ieħor 500Euro fis-sena.<br>Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier inkarigat mill-isports Dino Bonnici.<br><br>U kien hemm qbil unanimu fuqha. Ara punt 17.6c |
| | | |
| 17.3.2 | | Is-Sindku qalet li hi flimkien mal-Kunsillier Kaydem Schembri kellhom laqgħa ma' rappreżentant tal-kumpanija TCTC fir-rigward tal-kors tal-ECDL. Huma ġew magħrfa li l-kors jiswa 165Euro, l-10 eżamijiet jiswew 70Euro -il wieħed u tkun trid titħallas l-SD card għall-ammont ta' 45Euro. TCTC issuġġeriet li l-Kunsill tal-inqas iħallas 25Euro lil kull parteċipant. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 17.3.3 | | Is-Sindku infurmat li r-Reġjun Nofsinhar ħareġ skema ta' għajnuna għal tiżjin tal-Milied fil-Lokalita'. Hi ssuġġeriet li l-Kunsill japplika biex jieħu fondi fuq it-tiżjien ta' Vjal il-Blue Grotto. Issuġġeriet ukoll li l-Kunsill joħroġ għall-kompetizzjoni tal-isbaħ tieqa/gallarija imżejna fiż-Żurrieq, bi premju provdut mill-istess Reġjun ta' 250Euro. Għal dan il-fond hemm massimu ta' żewġ premijiet ta' 250Euro -il wieħed. Kien hemm qbil fuq dan u li jinġieb judge indipendenti mill-Kunsill.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li fil-budget ta' sena oħra jidħol it-tiżjien ġdied ta' Triq P P Saydon. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>IL-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li hemm bżonn li l-gallarija inbidlulha l-pjanti u dejjem jibqgħu sbieħ. Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet pjant Wigandia li tagħmel fjuri żgħar. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 17.3.4 | | Is-Sindku qalet li r-Reġjun Nofsinar ħareġ inizjattiva ta' proġett mużikali għas-sena 2021. Qed jiġi pproponut li l-Kunsill isib sitt siti viċin xulxin biex isir avveniment mużikali ġo fihom u li jintlaħqu bil-mixi mingħajr ma jostakolaw lil xulxin.<br>Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jieħu sehem u jidentifika dawn il-postijiet:<br>• Ġnien it-tfal taż-Żurrieq<br>• Misraħ Mattia Preti<br>• Misraħ Repubblika<br>• Misraħ San Gorg<br>• Misraħ il-Karmelitani<br>• Misraħ Santa Marija f'Bubaqra<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 17.3.5 | | Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-ispettur il-ġdid taż-Żurrieq fejn ġew mgħoddija ċertu ilmenti, imma s'issa għad ma kienx hemm żviluppi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li l-Kunsill jibgħat email lil-Ministru ikkonċernat biex fiż-Żurrieq jibda jkun hawn il-community police. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 17.3.6 | | Is-Sindku ressqet żewġ Ċirkularijiet bin-numru SPI/SCI/5/20 u SPI/SCI/6/20.<br>SPI/SCI/5/2020 – Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti Infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.<br>SPI/SCI/6/2020 – Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-irħula.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex niddiskutu miegħu x'jista l-Kunsill japplika għalihom. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 17.3.4 | | Is-Sindku qalet li bdiet tingħata l-injection tal-influenza lill-anzjani fil-berġa tas-saħħa. Kien hemm ġranet twal li kienet qed tagħtiha hi biss lill-anzjani minħabba li kien hemm strajk tan-nurses. Issa ser tibda tingħata lil dawk in-nies li mhumiex vulnerabbli u ta' kull eta', meta jerġa jkun hawn l-istokk. |
| | | |
| 17.3.5 | | Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mas-Sovratendenza tal- Heritage fuq il-ħajt ta' Triq Bubaqra. Hi ġiet infurmata li l-ħajt flimkien mal-ġnien tat-torri huma skedati u s-sid ġie obbligat li jirranġhom. |
| | | |
| 17.3.6 | | Is-Sindku qalet li hi flimkien mal-Kunsillier Joseph D'Amato u s-Segretarju Eżekuttiv fuq Triq għal Wied Fulija u Vjal il-Blue Grotto. Hemm ċans kbir li ssir. |
| | | |
| 17.3.7 | | Is-Sindku qalet li temporanjament għalqet il-librerija pubblika li kienet għamlet l-Onorevoli Ministru Julia Farrugia Portelli minħabba l-Covid 19. |
| | | |
| ***17.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 17.4.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Kenneth Farrugia talabha biex tgħid li hemm bżonn li jerġgħu jitnaddfu l-culverts ta' madwar iż-Żurrieq u titnaddaf l-akwata ta' Sqaq numru 2 fi Triq Hal Far. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 17.4.2 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• li hemm culvert fi Triq San Bartilmew biex jitnaddaf u hemm bżonn ta' patching fl-istess akwata.<br>• Biex Triq San Mikiel issir resident only. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Għal żmien il-Milied jixtieq iġib father christmas idur maż-Żurrieq. Kien hemm qbil li jinġibu l-istimi.<br>• Il-kumpanija Go li bdiet taħdem fl-akwata tal-Bebbux mhux qed timxi l-istess quddiem kull resident. Quddiem ċertu residenti qed jgħaddu minn fuq il-bankina u quddiem ċertu nies oħra qed jgħaddu taħt il-bankina.<br><br>F'dan il-ħin ġie l-Kunsillier Kaydem Schembri (ħin 19:00) |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 17.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato rringrazzja lil ħaddiema li ħawlu s-siġar fil-ġnien tal-ġibjun mingħajr ma l-Kunsill ħallas xejn.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa f'hiex wasal il-proċess tat-torri tal-Wardija. Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ser tieħu ħsieb li tagħġġel l-affarijiet.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa fuq il-water dispensers li qed jiġu ssuġġeriti li jsiru.<br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud ssuġġeriet li issir fejn l-out door gym. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li f'isem iż-Żurrieq FC tikkonċedi li tgħin fuq dan ir-rigward. |
| | | |
| 17.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li ssir sleeping policeman fejn il-Maypole hemm kif tkun ser tibda ir-roundabout għax biex toħroġ minn Triq Sant Andrija diffiċli ħafna. Tiġi minflok iż-zebra crossing kif hemm fi Triq il-Kuċċard. |
| | | |
| 17.4.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato staqsiet fuq ir-ruins tal-baqqari. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li illum beda jitnaddaf l-akwata.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato staqsiet fuq bankijiet li jistgħu jintużaw minn persuni li jużaw is-siġġu tar-roti, biex dak li jkun jħossu parti minn dawk li qedgħin fuq il-bank. Kien hemm qbil li jsir wieħed fejn il-Kunsill ikun ser ibiddel xi bank.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li ser jiftħu applikazzjonijiet biex il-poplu jħaddar faċċati tad-djar biex l-individwu jieħu fondi, biex ikun jista jagħmel dan. Qalet li hemm bżonn li l-Kunsill jinforma lill-pubbliku fuq dan. Kien hemm qbil fuq dan. Dawn ser jinfetħu fl-1 ta' Jannar, 2021. |
| | | |
| 17.4.6 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri staqsa fuq bus stop fi Triq Bubaqra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadd ma jrid il-bus stop quddiem ir-residenza tiegħu.<br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li l-applikazzjoni ghat-talba ta'fondi tal-mobile app li ħadem fuqha hu ingħataw. |
| | | |
| 17.4.7 | | Il-Viċi Sindku Igantius Farrugia qal li hemm bżonn li jsir valenu madwar iż-Żurrieq. |
| | | |
| 17.4.8 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia staqsiet fuq tabella mkissra fi Triq it-Torri k/m Triq in-Nigret. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella ordnata.<br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia staqsiet fuq jekk il-Kunsill għandux ċwievet tal-kmamar fejn il-bus terminus. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. |
| | | |
| ***17.5*** | | **Rapporti** |
| 17.5a | | **Rapport finanzjarju ta' kull kwart – it-Tielet kwart** |
| | | |
| | | |
| 17.5a.1 | | Ġie approvat ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart. |
| | | |
| **17.6** | | **Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **17.6a** | | **PA6673/20 – Żvilupp fi Triq il-Barrieri – Ser ikun preżenti il-konsulent tal-Kunsill** |

| | | |
|---|---|---|
| 17.6a.1 | | Dawn huma l-punti li tqajmu:<br>• Fis-sena 2018 il-Kunsill kien għamel oġġezzjoni fuq l-istess applikazzjoni u minn dak inhar sar progress fuq il-pjanti l-ġodda. Il-parkeġġ illegali li hemm faċċata tal-binja mhux qiegħed imsemmi fil-pjanti l-ġodda u mhux qed jingħadd li ser jirrabilitah biex iġibu kif kien primarjament.<br>• Il-binja eżistenti ser tikber u jsir bini ukoll fil-parking legali li għandu man naħa tal-istess binja.<br>• Ser iżied ħafna siġar.<br>• Jekk tinfetaħ tieqa għal żvilupp turistiku fl-akwata, l-akwata tista tikber fuq dan l-iżvilupp.<br>• Fl-akwata hemm jgħammar l-għasfur iċ-ċifa li hu protett u jekk isir il-bini qrib l-irdumijiet dan ser ikun ta' periklu għal ħlejqa.<br>• Meta mistoqsi jekk l-ERA tagħmilx oġġezzjonijiet, it-tweġiba kienet li l-ERA tirrakomanda biss imma ma jfissirx li PA jimxu mas-suġġerimenti tal-ERA.<br>• Iċ-ċans li jgħaddi tali permess hu 50% .<br>• Il-Kunsill irid li l-art li bħalissa qed isir parkeġġ illegali li tiġi faċċata tas-sit, terġa tingħata lura liż-Żurrieq fl-amjent li kienet oriġinarjament.<br>• Bħalissa l-art hi klassifikata għal catering u din l-applikazzjoni qedgħa fuq proġett turistiku.<br>• Il-konsulent staqsa lill-Kunsill jekk iridx li l-art tibqa tal-klassi li hi bħalissa ta' wedding hall jew li tinbidel f'post turistiku.<br>• Kien hemm diskussjoni fuq x'ser ikun imiss li jinbena, jekk jingħata dan il-permess u fuq it-traffiku li jgħaddi fl-akwati.<br>• L-art mhix art verġni u m'għandix titqies bħal applikazzjoni oħra li oġġezzjona l-Kunsill.<br><br>Kien hemm qbil li dan il-punt jerġa jitqajjem f'seduta oħra u jerġa jkun preżenti l-konsulent tal-Kunsill. |
| | | |
| 17.6a.2 | | Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-awtoritajiet biex l-art li kienet u għadha qed tintuża bħala parkeġġ illegali, terġa tiġi lura għal istat oriġinali tagħha u tintuża mill-pubbliku.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fit-20:30 |
| | | |
| ***17.6b*** | | ***Traffic managemet fi Triq il-Ħaddiema*** |
| | | |
| 17.6b.1 | | Il-Kunsill irċieva pjan imressaq minn Transport Malta fuq talba tal-Kunsill stess biex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku fl-akwati ta' Triq il-Ħaddiema/Triq il-Qroll. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-Transport Malta għal prova ta' tliet xhur. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **17.6c** | | **Mozzjoni 1/2020: Talba għall-amministrazzjoni tal-art ta' Ġnien il-Ġibjun** |
| | | |
| 17.6c.1 | | Is-Sindku ressqet mozzjoni. Il-Kunsill irid jitlob devoluzzjoni ta'Gnien il-Gibjun kollu u fih ikun inkluż ukoll l-art li fuqu ġej l-grawnd tal-football. Dan il-grawnd ser ikun iffinanzjat kollu minn Sports Malta u l-Kunsill iħallas biss il-manutenzjoni tiegħu, bi spiża ta' bejn wieħed u ieħor 500Euro fis-sena.<br>Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier inkarigat mill-isports Dino Bonnici.<br><br>Kien hemm qbil unanimu fuqha.<br><br>F'dan il-ħin, ħarġu mis-seduta l-Kunsilliera Joseph D'Amato u Dino Bonnici (21:05) |
| | | |
| ***17.6d*** | | ***Approvazzjon: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 17.6.a.<br>1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv resgsqet dawn l-ilmenti u suġġerimenti:<br>• Waqt laqgħa li saret mal-Perit tal-Kunsill fuq is-sitwazzjoni ta' Triq iċ-Ċombini u l-qbil li l-Kunsill jagħmel bankina minflok bollard mat-tarġa ta' residenza, l-perit kienet tal-opinjoni li s-suġġeriment ta' Transport Malta, kien aktar vijabbli minn dak tal-Kunsill, hi ukoll ipproponiet li ssir bollard minflok bankina, minħabba li bankina kienet ser iġġib konsegwenzi koroh fuq ir-residenti tal-faċċata. Kien hemm qbil li issir il-bollard.<br>• Sitt xhur ilu ittellgħet talba biex fi Triq il-Pluvieri jsiru żewġ sleeping policeman. Dak inhar il-Kunsill ma kienx qabel u illum qed terġa titressaq b'aktar provi li hemm periklu kbir ta' veloċita eċċessiva f'din it-triq. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsill ser jitlob l-permess ta' TM.<br>• Resqet proposta biex il-Kunsill jikri apparat biex jiddiżinfetta l-uffiċċju. Dan l-apparat ser ikun muru l-użu tiegħu nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru. Inħabba li jiswa 9.600Euro, hi ssuġġeriet li jinkera għal spiża ta' 200Euro fix-xahar. Kien hemm qbil li nitolbu li l-magna issir għal sena u wara xahar b'xahar.<br>• Rush Athletic Club qed jitlob permess mill-Kunsill biex parti mit-tellieqa tal-ġiri li ssir kull sena f'Ħal Safi, tgħaddi minn Vjal ix-Xarolla. Din it-tellieqa ser issir fis-6 ta' Diċembru. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Sid ta' ħanut ġdid fi Vjal il-Blue Grotto k/m Triq Santa Katarina, qed jitlob permess ta' tlett imwejjed fuq bankina, bi 3 siġġijiet kull waħda u bá``ess xorta g]al wheelchair. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Il-persuna li tixtieq permess mill-Kunsill biex tpoġġi gabbana f'Hal Far f'art tal-Gvern, ikkuntatjat lill-Kunsill u talbet no objection mill-Kunsill jekk d-Dipartiment tal-Artijiet jgħatiha permess. Dan tinħtieġu qabel ma tapplika għal permess mid-dipartimet tal-artijiet u mill-MTA. |
| | | |
| ***17.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 17.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali numru 38. |

| | | |
|---|---|---|
| ***17.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 17.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€27,255.12**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Marisa D'Amato u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***17.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 17.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 11ta' Novembru, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 11 ta' NOVEMBRU, 2020.

IFFIRMAT

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**